MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 53/2009

**Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u s-socjeta' Garden of Eden Garage Limited**

**vs**

**Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u Prim Ministru, ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2010, l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza flok l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fit-8 ta' Ottubru 2009, li jaqra hekk:

Illi ghall-ahjar intendiment tal-lanjanza umilment imressqa mir-rikorrenti, jehtieg li jsir riepilogu tal-fatti kollha li wasslu ghall-istat ta’ fatt odjern;

**RIEPILOGU TAL-FATTI**

Illi permezz ta’ pjan Strutturali mniedi matul is-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (1991), il-Gvern ta’ Malta *inter alia* identifika numru ta’ setturi li fihom kien qed jigi imfassal xi xorta ta’ zvilupp. Fost dawn is-setturi kien hemm dak tat-trasport pubbliku. L-izvilupp ippjanat f’dan is-settur kien jinvolvi mizuri li permezz taghhom l-operaturi f’dan is-settur ikunu jistghu jinvestu lejn forom u mezzi ta’ transport li ma kinux ghadhom gew adoperati fil-Gzejjer taghna. Fost dawn il-mezzi ta’ transport, kienu gew indikati xarabanks mikxufin, jew ahjar, *open top double-deckers;*

Illi in vista ta’ dak kontenut fl-imsemmi Pjan Strutturali, Angelo Spiteri, *dante causa* ta’ l-esponenti Alfred Spiteri u Joseph Spiteri, intavola applikazzjoni ma’ l-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku, imperanti dak iz-zmien, fis-sena elf disa’ mija tlieta u disghin (1993) kontenenti talba dwar l-importazzjoni ta’ tlett vetturi xarabanks mikxufin. Sussegwentement, l-imsemmija Awtorita’, permezz ta’ ittra datata sebgha u ghoxrin (27) t’April 1993, ippronunzat id-decizjoni taghha fis-sens ta’ *nihil obstat*. B’konsegwenza l-imsemmi Angelo Spiteri ipproceda sabiex jimporta dawn il-vetturi lejn Malta. Mal-wasla taghhom, huwa hallas id-dazju relattiv, u l-vetturi gew regolarment sdoganati;

Illi in segwitu, saret l-applikazzjoni sabiex dawn il-vetturi jigu registrati u licenzjati skond il- ligi bil-ghan li jkunu jistghu jinhargu fuq it-triq legalment. Din l-applikazzjoni baqghet bla ezitu pozittiv, tant li l-imsemmija vetturi baqghu iggaraxxjati ghal hmistax-il sena shah;

Illi l-Awtorita’ kompetenti baqghet tippersisti fir-rifjut taghha li tirregistra l-imsemmija vetturi peress illi, skond hi, dawn il-vetturi kienu jikkostitwixxu infrazzjoni tad-Direttiva 96/53 EC. Din id-direttiva kienet tiddisponi dwar

id-dimensjonijiet permissibbli ghad-diversi vetturi li jistghu jintuzaw fit-toroq tal-pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropea. In subjecta materia, l-Awtorita' insistiet li l-vetturi in kwistjoni, ghalkemm ta' gholi ta' inqas minn erba' metri (4m) skond il-htigiet statutorji mnissla mill-istess strument legislattiv. Kienet teccedi dan l-istess limitu meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni t-tul ta' persuna li tkun qeghda bil-wieqfa fuq il-parti ta' fuq ta' dawn il-vetturi;

Illi dawn il-fatti hawn fuq esposti jiffurmaw il-mertu ta' decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-dsatax (19) t'April 2004 wara citazzjoni bin-numru 1539/1993 fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs. Kummissarju tal-Pulizija et**. Din is-sentenza giet pronunzjata wara li, permezz ta' procedura mibdija quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja, l-awtur tar-rikorrenti Spiteri kien talab li l-konvenuti jigu kkundannati u ordnati jikkoncedu lilu n-numri ta' registrazzjoni relattivi ghall-imsemmija xarabanks mikxufin. Matul is-smiegh ta' din il-procedura, gew sollevati kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali, li b'konsegwenza gew debitament diretti lejn dina l-Onorabbli Qorti. Permezz ta' l-imsemmija sentenza, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabet illi kien hemm ksur tal-jedd ta' l-attur, Angelo Spiteri, li ma ssirx diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, pero' gie deciz illi l-Qorti ma setghetx takkolji t-talba tieghu peress illi l-akkoljiment ta' tali talba kien effettivament iwassal ghal ksur ta' ligi. Dan nonostante l-agir tal-konvenuti versu terzi estranji ghal dik l-azzjoni;

Illi in segwitu, jidher li minhabba pressjoni li kienet qed issir fuq il-Gvern lokali mill-Unjoni Ewropea, l-Awtorita' regolatrici harget *Concession Tender* ghall-provvista ta' *sight-seeing passenger tour service* li permezz tieghu jintuzaw vetturi tax-xorta in dizamina. Dan it-tender gie koncess lis-socjeta' Supreme Travel Limited f'Gunju u Dicembru tas-sena 2007. B'konsegwenza, l-Awtorita' harget licenzja ghal tnax-il vettura tat-tip *open top doubldecker*, ilkoll appartenenti lil Supreme Travel Limited. Il-vetturi ta' l-istess xorta appartenenti lil lanjanti baqghu ma gewx registrati.

Illi r-rikorrenti Spiteri, flimkien ma' familjari ohrajn taghhom, ilkoll werrieta ta' Angelo Spiteri, intavolaw ilment ma' l-ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta, liema kaz gie riferut lill-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u deciz fil-hmistax (15) t'Ottubru 2008;

Illi b'konsegwenza ta' din id-decizjoni, fejn l-agir ta' l-Awtorita' gie meqjus bhala diskriminatorju, abbuziv, ilegali u anti-kompetitiv, il-ministru tat-Trasport, infrastruttura u Komunikazzjoni irrilaxxa dikjarazzjoni ghall-istampa, fis-sittax (16) ta' Ottubru 2008, fejn laqa' id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u kkonferma li s-suq tat-trasport huwa liberalizzat in ottemporanza mal-politika tal-Gvern u ta' l-Unjoni Ewropea;

Illi, sussegwentement, it-tlett vetturi importati mil-lanjanti gew registrati u licenzjati bin-numri COY013, COY014 u COY015, u dan matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru tas-sena 2008;

Illi matul Novembru tas-sena 2008, in segwitu ghad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, Alfred Spiteri xtara u importa lura Malta tmien (8) vetturi ohra ta' l-istess tip u marka li gew precedentement licenzjati u registrati favur Supreme Travel, u dan mir-Renju Unit. Erbgha (4) minn dawn il-vetturi waslu Malta f'Novembru 2008, filwaqt li erbgha ohra waslu Malta f'Jannar 2009;

Illi skont il-ligi vigenti, l-Avviz legali 476/2004, l-importatur ta' vettura akkwistata minn pajjiz iehor membru fl-Unjoni Ewropea kien obbligat jinforma lid-Direttorat tal-Licenzjar u Testjar sa zmien hamest ijiem utli mill-wasla ta' dik il-vettura, u dan billi jipprezenta numru ta' dokumenti lil dan id-direttorat, u tramite l-hlas ta' mizata amministrattiva ghal kull applikazzjoni. In segwitu ghall-hlas ta' tali mizata, l-applikant jinghata data sabiex hemmhekk tigi spezzjonata l-vettura in kwistjoni, u wara din l-ispezzjoni, l-applikant ikun fadallu biss li jwettaq il-*vehicle roadworthiness test* u li jikkuntratta polza ta' assikurazzjoni fuq l-istess vettura. Segwita din il-procedura, il-vettura tigi registrata u licenzjata sabiex tkun tista' topera fit-toroq ta' pajjizna;

Illi l-esponenti wettqu l-obbligi taghhom u nghataw data ta' spezzjoni mill-Awtorita'. L-ewwel spezzjoni, li kellha ssir fir-rigward ta' tnejn (2) minn dawn il-vetturi, kellha ssir fl-erbgha (4) ta' Dicembru 2008. Meta wasal il-jum ta' l-ispezzjoni, Alfred Spiteri pprezenta ruhu flimkien mal-vetturi li ghalihom kien gie ffissat l-appuntament. Madanakollu, fuq il-post, huwa gie nfurmat illi l-ispezzjoni kellha tigi posposta. Fuq l-insistenza tas-Sur Spiteri, dan il-posponiment gie ddikjarat fil-forma skritta. Permezz ta' ittra datata erbgha (4) ta' Dicembru 2008, l-Awtorita' ddikjarat illi l-ispezzjoni tal-vetturi in kwistjoni kienet qed tigi posposta sakemm l-Awtorita' tiffinalizza u tifformalizza *policies* godda;

Illi wara dan il-jum, l-ahhar erba' vetturi importati mill-lanjanti waslu Malta. Wara l-pagament tad-dazju relattiv, giet segwita l-procedura skont il-ligi, kif deskritta fil-paragrafi precedenti. Dan sar biss fuq l-insistenza tar-rikorrent Alfred Apiteri, peress illi r-rapprezentanti ta' l-Awtorita' rrifjutaw li jsegwu din il-procedura, u dan abbuzivament. Kien b'hekk illi l-applikazzjonijiet saru, izda ma gewx processati skont il-ligi;

Illi f'Marzu 2009, il-lanjanti ntavolaw ilment iehor quddiem l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta. Fis-sebgha u ghoxrin (27) t'April 2009, l-Ufficcju pproceda fil-konfront ta' l-Awtorita' permezz ta' ordni ta' waqfien u ebda tkomplija, a tenur ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni. L-Awtorita' talbet stharrig mill-Kummissjoni tal-hrug ta' din l-ordni, liema talba giet irtirata fil-hmistax (15) ta' Gunju 2009. Minkejja dan kollu, l-Awtorita' intimata baqghet qatt ma ottemporat ruhha ma' l-imsemmi ordni ta' l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta;

Illi f'Mejju 2009, is-socjeta' Garden of Eden Garage Limited intavolat proceduri gudizzjarji fil-konfront ta' l-Awtorita' kompetenti, permezz ta' rikors mahluf numru 474/2009 JRM a tenur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. XII, in konnessjoni ma' l-applikazzjonijiet pendenti ghal-lincenzjar tat-tmien vetturi importati wara d-decizjoni tal-

Kummissjoni ghall-Kummerc Gust moghtija fil-15 t'Ottubru 2008. Dawn il-proceduri ghadhom *sub judice;*

Illi Alfred Spiteri u Joseph Spiteri ntavolaw ukoll proceduri gudizzjarji fejn talbu il-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni sofferti minnu minhabba d-dewmien fil-hrug tal-licenzji tat-tlett vetturi importati mid-*dante causa* tieghu, kif hawn fuq spjegat. Dawn il-proceduri ukoll ghadhom pendenti, permezz tar-rikors mahluf numru 369/2009 GCD;

Illi l-Awtorita' in kwistjoni intavolat proceduri ghall-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni Gusta fil-15 t'Ottubru 2008, decizjoni li del resto giet lodata sahansitra mill-Ministeru ghat-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, permezz ta' rikors mahluf numru 592/2009 AL. Dawn il-proceduri huma lkoll *sub judice*;

Illi permezz ta' l-Avviz Legali 149/2009, promulgat u ppubblikat fid-19 ta' Mejju 2009, l-Awtorita' qeghda tippretendi illi l-lanjanti jhallsu s-somma ta' wiehed u tlettin elf u tmien mitt Ewro (31,800 Euros) ghal kull vettura, sabiex din tkun tista' tintuza fuq rotot pre-determinati mill-Awtorita'. Dan in kwantu tali vetturi m'humiex godda izda *di seconda mano*. B'konsegwenza, il- lanjanti mhux ser ikunu permessi juzaw il-vetturi in kwistjoni ghall-kiri privat, fuq bazi bla skeda, izda biss ghar-rotot skedati u maghzulin mill-Awtorita', u dan biss wara l-hlas tal-mizata imsemmija hawn fuq;

Illi l-Awtorita' pprocediet fil-konfront tar-rikorrenti ai termini ta' l-imsemmi Avviz Legali, peress illi l-mittenti operaw il-vetturi in kwistjoni minghajr ma hallsu l-mizata mehtiega u minghajr ma ottemporaw ruhhom mal-hwejjeg l-ohra hemmhekk disposti, u dan permezz tal-hrug ta' diversi penali amministrattivi, li attwalment jinsabu kontestati in sede t'appell;

**<u>IL-LANJANZI TAR-RIKORRENTI</u>**

Illi l-Awtorita' intimata wettqet diskriminazzjoni lampanti fil-konfront ta' l-esponenti, u dan ghall-medda ta' zmien twil,

billi ostakolat lill-istess esponenti milli juzaw u jgawdu l-beni taghhom skont il-ligi u kif kien jixraq lilhom, bi pregudizzju kbir ghall-interessi kummercjali taghhom, u dan bi ksur lampanti ta’ l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Illi dan l-ghemil gie konstatat kemm permezz tas-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali moghtija fid-dsatax (19) t’April 2004 fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs. Kummissarju tal-Pulizija et**, u kemm permezz tad-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-hmistax (15) t’Ottubru 2008. Kif inhu risaput, *res judicata pro veritate habetur*. Minkejja tali kostatazzjoni ta’ verita’, l-Awtorita’ intimata baqghet tippersisti fl-agir diskriminatorju taghha, u dan billi tostakola lill-esponenti minn dak li huma kellhom jedd ghalih skont il-ligi;

Illi tali agir jidher manifest mill-fatt illi l-istess Awtorita’ intimata naqset milli tirregistra u tillicenzja it-tmien vetturi tat-tip *open-top double deckers* appartenenti lis-socjeta’ esponenti, sabiex dawn il-vetturi jigu milqutin b’mod diskriminatorju mill-Avviz Legali 149/2009. Dan minkejja li l-Awtorita’ msemmija kellha taghti ezitu ghall-applikazzjonijiet tas-socjeta’ esponenti f’qasir zmien, u mhux thalli tali applikazzjonijiet pendenti ghal xhur shah sakemm jigi milhuq l-iskop malizzjuz taghha;

Illi l-kulminazzjoni ta’ dan l-agir kollu huwa l-promulgazzjoni u l-pubblikazzjoni ta’ l-Avviz legali 149/2009 fid-dsatax (19) ta’ Mejju 2009, liema ligi sussidjarja tinkorpora fiha innifisha l-isforzi kollha mwettqin mill-intimati jew min minnhom sabiex tissokta id-diskriminazzjoni lampanti fil-konfront tar-rikorrenti;

Illi l-Avviz Legali 149/2009 huwa fih innifsu diskriminatorju fil-konfront tal-vetturi tat-tip *open-top double deckers*, in kwantu fuq dawn il-vetturi gew imposti oneri u rekwiziti bil-wisq aktar oneruzi milli dawk imposti fuq vetturi ohrajn li

ghandhom jigu kkunsidrati bhala vetturi f'sitwazzjoni simili rilevanti;

Illi r-Regolament 26 ta' l-imsemmi Avviz Legali jiddisponi illi l-Parti V ta' dik il-legislazzjoni ma tapplikax ghall-*motor route buses* u ghall-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotagg. Il-Parti V hija dik il-parti ta' l-Avviz Legali 149/2009 li timponi kundizzjonijiet u rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex vettura bil-mutur tigi licenzjata ghall-garr tal-passiggieri. Permezz tar-Regolament 26, gew ezentati milli jissodisfaw tali rekwiziti numru ta' vetturi li huma f'sitwazzjonijiet simili u rilevanti ghal dawk appartenenti lill-esponenti, u dan b'mod diskriminatorju u anti-guridiku;

Illi r-Regolament 28(3) jiddiskrimina favur dawk il-vetturi bil-mutur maghrufin bhala *vintage buses*, in kwantu jippermetti li dawn jintuzaw fuq rotot ghall-garr ta' passiggieri turisti minkejja li tali vetturi ma jikkonformawx mal-htigijiet tar-Regolamenti 28(1)(d) u (f), u mar-Regolament 28(2)(b);

Illi r-Regolament 39 jezenta lill-*motor route buses* u lis-servizzi pubblici ta' garr tal-passiggieri mill-applikazzjoni tal-Parti VI ta' l-Avviz Legali 149/2009, liema parti mill-legislazzjoni tirregola proprju l-ghoti tas-servizz ta' garr tal-passiggieri;

Illi fl-istess vena, l-Avviz Legali jiddiskrimina fil-konfront ta' l-operaturi ta' buses mikxufin permezz tar-Regolament 69, fejn, permezz tat-tieni subinciz, jippermetti l-uzu ta' *vintage buses* unikament ghas-servizz fuq rotta ta' passiggieri turisti skont l-istess regolament, filwaqt li, permezz tat-tielet subinciz, arbitrarjament jeskludi mill-istess dritt dawk il-buses mikxufin li jkunu gew manifatturati aktar min ghaxar (10) snin qabel ma dahlu fis-sehh dawn ir-Regolamenti;

Illi r-Regolament 69(3), in oltre, jiddiskrimina ukoll fil-konfront ta' dawk l-operaturi ta' *buses* mikxufin li jipprovdu, jew jixtiequ jipprovdu, is-servizz ta' trasport taghhom fuq bazi bla skeda. Dan billi l-imsemmi Regolament jillimita l-operazzjoni ta' *buses* mikxufin li

jkunu gew manifatturati aktar minn ghaxar (10) snin qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn ir-Regolamenti ghal rotot ghall-garr ta' turisti skont id-dispozizzjonijiet tieghu. Dan, effettivament, iwassal ghall-konsegwenza illi *bus* mikxufa li tkun giet manifatturata fi zmien inqas ghaxar (10) snin id-dhul fis-sehh ta' l-Avviz Legali 149/2009 tigi permessa uzu aktar ampju, u dan minghajr ebda raguni gustifikabbli. Dan ghalhekk jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront ta' operaturi ta' *buses* mikxufin li jkunu gew manifatturati aktar minn ghaxar (10) snin qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn ir-Regolamenti;

Illi r-Regolament 116 ukoll huwa diskriminatorju, in kwantu jikkoncedi beneficcju lejn *coaches* ad eskluzjoni tal-*buses* mikxufin, u dan relattivament ghaz-zmien ta' manifattura tal-vettura li ghandha tigi licenzjata. Din l-eskluzjoni ta' *buses* mikxufin mit-trattament specjali li gie akkordat favur vetturi bil-mutur ohrajn li jinsabu f-sitwazzjonijiet simili u rilevanti tinsab ukoll fir-Regolament 117. Permezz ta' dan ir-Regolament, operatur ta' vettura li jkun qed japplika ghal-licenzja ta' vettura gdida jista' jgwadi minn tnaqqis fid-Dritt ghad-Dhul applikabbli, fejn ikun sejjer kontemporanjament inehhi mir-registru tal-vetturi relattiv vettura ezistenti li tkun diga' licenzjata. Minn dan il-beneficcju huma espressament eskluzi il-*buses* mikxufin;

Illi ghalhekk huwa car u manifest illi l-Avviz Legali 149/2009 johloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' l-esponenti fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, liema diskriminazzjoni ma sservi l-ebda skop legittimu, u hija karenti minn gustifikazzjoni skont il-ligi;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

**<u>IR-RIMEDJI MITLUBA</u>**

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara illi l-agir ta' l-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel

Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom;

Tiddeciedi u tiddikjara li d-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 149/2009, jew liema minnhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom;

Tiddeciedi u tiddikjara illi d-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 149/2009 nocivi lejn il-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali invokati mir-rikorrenti ma jkollhom l-ebda effett legali fil-konfront taghhom;

Taghti kull provvediment jew rimedju iehor li lilha jidhrulha xierqa u gusti fic-cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Ministru tat-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u tal-Prim Ministru li in forza taghha huma eccepew illi:

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi in linea preliminari, il-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)

Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw it-talbiet taghhom stante illi huma vagi u ma jirrizultax ness bejn il-fatti kif esposti u t-talbiet.

Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante illi huma qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghandhom a disposizzjoni taghhom u rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. Illi effettivament fuq dawn it-tmien vetturi hemm proceduri pendenti ta' stharrig gudizzjarju u dan kif jirrizulta mir-rikors promutur. F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta.

In linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxi illi kull riferenza ghat-tlett vetturi impurtati fis-1993 hija illum *res judicata* u kull tentattiv ghal diskussjoni mill-gdid ta' dan il-punt huwa milqut minn tali eccezzjoni.

**Ebda ksur ta' l-Ewwel Artikolu ta' L-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi mill-fatti hekk kif esposti mir-rikorrenti jirrizulta illi ma hemm l-ebda rilevanza ghar-referenza ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ghall-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan peress illi ma kien hemm l-ebda tehid forzuz ta' proprjeta' tar-rikorrenti u wisq inqas l-istess rikorrenti ma gew spussessati mill-ebda proprjeta' jew possediment taghhom.

Illi n-nuqqas ta' hrug ta' licenzja lanqas ma jikkostitwixxi ksur ta' xi aspettattiva legittima billi l-unika aspettattiva legittima illi ghandhom ir-rikorrenti hija illi japplikaw sabiex jinghataw licenzja u mhux dritt awtomatiku illi tinhargilhom licenzja u dan meta huma ma jissodisfawx ir-rekwiziti imposti mil-Ligi

Illi l-istess artikolu 1 tal-Protokoll 1 jipprovdi illi l-Istat ghandu dritt 'to enforce such laws as it deems necessary

to control the use of property in accordance with the general interest'

Ghalhekk m'hemm ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

**Ebda ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Illi l-esponenti jissottomettu illi sabiex jigi invokat l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dan irid isir ghal wahda mir-ragunijiet hemm imsemmija. Ir-rikorrenti ma jispjegawx fuq liema bazi qeghdin jinvokaw dana l-Artikolu tal-Kostituzzjoni.

L-esponenti jichdu kategorikament illi r-rikorrenti gew trattati b'mod diskriminatorju u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

L-esponenti jissottomettu illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni huwa necessarju illi jkunu paragunati sitwazzjonijiet li huma simili.

Illi kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma disposizzjonijiet ohra ta' l-istess konvenzjoni li jigarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni (Airey v. Ireland, deciza fid-9 ta' Ottubru 1979 mill-Qorti ta' Strasburgu).

Illi in oltre, dwar l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jista' jinstab ebda ksur tieghu u dan peress illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni " fis-sens ta' l-Artikolu 14 u dan kif gie ben osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz Spadea and Scalabrino v. Italy (deciz fit-28 ta' Settembru 1995).

Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, li in forza taghha eccepiet illi:

**L-azzjoni u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti**

L-azzjoni li tressqet minn Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u s-socjeta’ Garden of Eden Garage Limited (‘**Garden of Eden**’) tirrigwarda allegat ksur ta’:

i. L-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; u

ii. L-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (‘il-Konvenzjoni’), kif ukoll l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Il-lanjanzi tal-Garden of Eden, partikolarment dawk li tressqu relattivament ghall-perjodu qabel il-hrug ta’ l-Avviz Legali 149/2009, m’humiex cari u strutturati u lanqas ma gie specifikatament indikat in-ness bejn dawn il-lanjanzi u t-talbiet li jsegwu. Fil-fehma umli taghha, l-Awtorita’ jidhrilha illi l-azzjoni tal-Garden of Eden hija bbazata fuq zewg allegazzjonijiet specifici:

a. Diskriminazzjoni fil-konfront tal-Garden of Eden fuq medda ta’ zmien twil u ostakolar lill-istess rikorrenti milli juzaw u jgawdu l-beni taghhom skont il-ligi; u

b. Diskriminazzjoni permezz ta’ l-Avviz Legali 149/2009.

Din ir-risposta hija strutturata a bazi ta’ dawn iz-zewg allegazzjonijiet principali. Kemm-il darba, pero’, wara li l-Garden of Eden jispjegaw il-pretensjonijiet taghhom, jirrizultaw allegazzjonijiet differenti minn dawk fuq riprodotti, l-Awtorita’ tirrizerva d-dritt li tressaq risposti ulterjuri.

**Il-Fatti fil-Qosor**

Qabel ma tirrispondi fid-dettal ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, l-Awtorita’ ser tghaddi biex tispjega u/jew tirribatti fil-qosor certu fatti ewlenin ta’ din il-kwistjoni li gew spjegati mir-rikorrenti fil-premessi tar-rikors taghhom.

Fir-rigward ta’ l-ewwel paragrafu tar-rikors tal-Garden of Eden, l-Awtorita’ tikkonferma li kien hemm Pjan Strutturali ghall-Gzejjer Maltin mniedi mill-Gvern ta’ Malta.

Fl-1993, Angelo Spiteri (missier Alfred Spiteri u Joseph Spiteri) kiteb ittra lill-Awtorita’ fejn wera l-hsieb tieghu li jimporta tlett open-top buses. Filwaqt li l-Awtorita’ qatt ma tat permess lil Angelo Spiteri sabiex jopera l-open-top buses, l-Awtorita’ ma oggezzjonatx ghar-rikjesta ta’ Angelo Spiteri li jimporta l-open-top buses in kwistjoni sakemm il-vetturi kienu jikkonformaw f’kull hin mar-Regolamenti tal-Pulizija u mar-regolamenti ta’ l-Awtorita’ (kopja ta’ l-ittra mibghuta mill-Awtorita’ qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ADT1).

Angelo Spiteri ghadda biex jimporta tlett open-top buses li, pero’, minhabba li ma kinux konformi mar-Regolamenti in vigore dak iz-zmien, ma gewx illicenzjati, ir-raguni ghal din in-nuqqas ta’ konformita’ kienet illi t-tlett vetturi in kwistjoni kienu jeccedu t-tul massimu ghall-vetturi li kien permess mil-ligi.

Angelo Spiteri intavola proceduri quddiem il-Prim’ Awla Qorti Civili u sussegwentement, il-Qorti Kostituzzjonali kontra l-Awtorita’ u l-Kummissarju tal-Pulizija (li dak iz-zmien kien responsabbli ghal-licenzjar tal-vetturi) fejn talab lill-Qorti tordna lill-Awtorita’ tillicenzja l-vetturi in kwistjoni. Il-bazi ta’ l-azzjoni kostituzzjonali kienet wahda ta’ diskriminazzjoni a bazi tal-fatt li kien hemm vetturi ohra li gew illicenzjati meta kellhom gholi aktar minn dak stipulat fil-ligi. Angelo Spiteri ppretenda li la darba diga’ kienu gew licenzjati vetturi li ma kinux konformi mal-ligi, l-istess kellu jsir ma’ l-open-top buses tieghu.

Permezz ta’ sentenza datata 19 ta’ April 2004, il-Qorti Kostituzzjonali cahdet il-pretensjoni ta’ Angelo Spiteri li dawn it-tlett open-top buses li importaw l-Garden of Eden kellhom jigu licenzjati (kopja tas-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ADT2).

Wara din il-kawza, l-Awtorita’ ddecidiet li tohrog Concession Tender pubbliku ghall-provvista ta’ *sight-*

*seeing passenger tour service* permezz ta' open-top buses. Ir-rikorrenti kellhom kull dritt u kull opportunita' li jippartecipaw fil-process kompetittiv ghall-hrug tat-tender izda qatt ma ssottomettew l-applikazzjoni taghhom f'dan ir-rigward.

Sussegwentement, ir-rikorrenti intavolaw ilment ma' l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta, li permezz tieghu, gie allegat li certu agir ta' l-Awtorita' kien jikkonstitwixxi ksur ta' l-Artikolu 9 (2) (e) tal-Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Awtorita' irrispondiet illi hi ma kinitx tikkwalifika bhala intrapriza skont il-Kap. 379.

Id-Direttur ta' l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta kien accetta r-risposta ta' l-Awtorita' u ddecieda li l-Kap. 379 ma setax japplika fil-konfront ta' l-Awtorita' billi l-Awtorita' ma tikkwalifikax bhala intrapriza ai termini tal-Kap. 379. Wara din id-decizjoni, tressqu proceduri quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust. Fil-15 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni ddecidiet b'mod differenti mid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta u sabet li kien hemm ksur tal-Kap. 379. In vista tad-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, l-Awtorita' llicenzjat it-tlett open-top buses in kwistjoni. Jinghad, pero', li l-Awtorita', recentement, ipprezentat kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tigi mistharrga gudizzjarjament u tigi dikjarata nulla u inattendibbli.

Fl-ahhar ta' l-2008, ir-rikorrenti importaw tmien open-top buses ohra u applikaw ma' l-Awtorita' ghar-registrazzjoni ta' dawn il-vetturi. F'dawk iz-zminijiet, l-Awtorita' kienet qed tircievi ukoll diversi applikazzjonijiet minn terzi sabiex tillicenzja l-open-top buses taghhom.

L-Awtorita' kienet bdiet tipprocessa dawn l-applikazzjonijiet, izda f'Dicembru ta' l-2008, irceviet istruzzjonijiet biex ma tillicenzjax vetturi open-top buses sakemm jinhargu regolamenti li kienu ser jirregolaw proprju dan is-suq. Tali ordni giet applikata mhux biss fir-rigward tas-socjeta' rikorrenti izda ukoll fir-rigward ta' kull applikazzjoni pendenti li kellha f'idejha l-Aworita' kif ukoll

ta’ kull applikazzjoni li waslet ghand l-Awtorita’ sakemm inhargu r-regolamenti (kopja ta’ l-istqarrija li giet ippubblikata fir-rigward ta’ dawn l-istruzzjonijiet qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ADT3).

F’Mejju ta’ l-2009, gie ippublikat l-Avviz Legali 149/2009 li, fost ohrajn, jirregola l-operar u l-licenzjar ta’ dawn il-vetturi.

Sussegwentement, gew intavolati diversi proceduri mir-rikorrenti li uhud minnhom ghadhom pendenti quddiem l-Onorabbli Prim’ Awla. Il-kawzi li llum ghadhom pendenti u qeghdin jinstemghu quddiem dawn il-Qrati huma dawn li gejjin:

(a) Alfred Spiteri u Joseph Spiteri intavolaw proceduri gudizzjarji fejn talbu l-likwidazzjoni u l-hlas ta’ danni minhabba d-dewmien fil-hrug tal-licenzji fir-rigward ta’ l-ewwel tlett open-top buses (vide Dok. ADT4);

(b) Garden of Eden Garage Limited intavolat proceduri kontra l-Awtorita’ ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 fejn, fir-rigward ta’ 8 open-top buses li ghadhom mhux illicenzjati, talbet lill-Qorti (i) tiddikjara li kien hemm ksur ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 min-naha ta’ l-Awtorita’, (ii) tordna lill-Awtorita’ tibda jew tissokta tipprocessa l-applikazzjonijiet tal-vetturi minnufih u tillicenzjahom, u (iii) tillikwida u tikkundanna l-Awtorita’ thallas id-danni minhabba l-agir amministrattiv ta’ l-Awtorita’ (vide Dok. ADT5).

Fl-isfond ta’ dawn il-pendenzi, issa r-rikorrenti intavolaw ukoll din il-kawza kostituzzjonali. Ghal din il-kawza, l-Awtorita’ tirrispondi fil-paragrafi li ser isegwu ta’ din ir-risposta.

**Ir-risposti ta’ l-Awtorita’ fir-rigward ta’ l-Ewwel Allegazzjoni – Diskriminazzjoni ghall-medda ta’ zmien twil u ostakolar lir-rikorrenti milli juzaw u jgawdu l-beni taghhom skont il-ligi**

Preliminarjament, u a bazi tal-provviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, it-talbiet attrici fir-rigward ta' din l-ewwel allegazzjoni ghandhom jigu michuda. Dan ghaliex ir-rikorrenti ghandhom a dispozizzjoni taghhom (u fil-fatt qed jezercitaw), mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat.

Fir-rigward ta' l-ewwel tlett open-top buses u l-fatt li dawn damu ma gew irregistrati jinghad li hemm proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla Civili fejn, kif diga' indikat fil-paragrafu 14 (a) ta' din ir-risposta, ir-rikorrenti qed jitolbu l-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni minghand l-Awtorita' minhabba d-dewmien fil-hrug tal-licenzji ta' dawn it-tlett vetturi.

Fir-rigward tat-tmien open-top buses, li sal-lum m'humiex illicenzjati, l-Awtorita' tirrileva li fir-rigward ta' dawn it-tmien vetturi hemm proceduri pendenti ukoll quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn, kif diga' inghad fil-paragrafu 14 (b) ta' din ir-risposta, ir-rikorrenti (i) talbu stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv, (ii) talbu ukoll lill-Qorti tordna lill-Awtorita' tillicenzja l-vetturi in kwistjoni u (iii) talbu lill-Qorti tillikwida d-danni allegatament imgarrba u tordna lill-Awtorita' thallas tali danni hekk likwidati.

L-intavolar u l-pendenza ta' dawn il-proceduri huma msemmija mir-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel risposta, u limitatament fir-rigward ta' din l-ewwel allegazzjoni, l-Awtorita' tirrispondi, ukoll preliminarjament, illi l-azzjoni bbazata fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni ghall-perjodu bejn l-1994 sad-19 ta' April 2004, hi *res judicata*.

Dan ghaliex l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2004, cahdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-ewwel tlett open-top buses li importaw il-Garden of Eden (mertu ta' din l-azzjoni) kellhom jigu llicenzjati. Li din id-decizjoni hija *res judicata* huwa rikonoxxut u ammess mill-istess rikorrenti fir-rikors taghhom.

In oltre, u ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tirrispondi illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma japplikawx ghal dawn il-proceduri u dan peress illi r-rikorrenti ma gewx spussessati minn ebda proprjeta' jew possediment kif jehtiegu l-istess artikoli.

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jirrigwarda sitwazzjoni fejn jittiehed il-pussess ta' proprjeta' b'mod obbligatorju jew fejn interess jew dritt fuq proprjeta' jigi miksub b'mod obbligatorju – sitwazzjonijiet li ma jinkwadrawx ruhhom f'dan il-kaz.

L-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jipprovdi li 'no one shall be deprived of his possessions except in the public interest'. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' tirrileva li r-rikorrenti ma gewx spussessati mill-possedimenti taghhom. Dan haliex ir-rikorrenti, f'ebda stadju ma kienu jipposjedu xi dritt awtomatiku li tinhargilhom il-licenzja biex juzaw l-open-top buses – il-licenzja tista' tinhareg biss jekk jigu sodisfatti r-rekwiziti imposti mil-ligi: rekwiziti li ghal perjodu twil taz-zmien, ir-rikorrenti ma ssodisfawhomx. L-Awtorita' ghandha d-dritt (dejjem fil-parametri tal-ligi) li takkolji jew tichad talba ghal-licenzjar ta' vetturi. Kif jidher mill-fatti suesposti, l-Awtorita' tghid li hi dejjem qdiet l-obbligi taghha skont il-ligi u skont l-istruzzjonijiet li kellha.

In oltre, l-Awtorita' tichad li r-rikorrenti gew trattati b'mod diskirminatorju ai termini ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Awtorita' tirrileva li r-rikorrenti qatt ma gew trattati b'mod differenti ghal kollox jew principalment minhabba d-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess.

Finalment, fir-rigward ta' din l-ewwel allegazzjoni u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tichad l-allegazzjoni li jaghmlu l-Garden of Eden lill-Awtorita':

(i) Wettqet diskriminazzjoni fil-konfront taghhom ghall-medda ta' zmien twil; u

(ii) Ostakolat lir-rikorrenti milli juzaw u jgawdu l-beni taghhom skont il-ligi u kif kien jixraq lilhom.

L-Awtorita’ tghid illi hi dejjem qdiet l-obbligi taghha skont il-ligi u obdiet l-istruzzjonijiet li rceviet fir-rigward tal-licenzjar ta’ l-open-top buses. Fir-rigward tal-licenzjar ta’ kwalunkwe open-top buses, l-Awtorita’ qatt ma trattat lir-rikorrenti b’mod differenti minn terzi li bhalhom applikaw ghal-licenzjar tal-vetturi *open-top* taghhom.

Ir-risposti ta’ l-Awtorita fir-rigward tat-Tieni Allegazzjoni – L-Avviz Legali 149/2009 (l-‘Avviz Legali’)

Primarjament, l-Awtorita tirrispondi li hi ma tistax tinstab responsabbli ghal ksur ta’ drittijiet tar-rikorrenti ai termini ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u/jew ta’ l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u/jew ta’ l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u/jew ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif allegat mir-rikorrenti. Dan ghaliex mhix l-Awtorita’ li llegislat u promulgat l-Avviz Legali. L-Awtorita’ ghandha biss l-obbligu u d-dmir li ssegwi u timplimenta l-ligijiet li jigu ppromulgati mill-organu ezekuttiv ta’ l-Istat hekk kif jigu mplimentati u/jew emendati minn zmien ghal zmien.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita’ tirrispondi li (i) l-Artikolu 14 tal-konvenzjoni u (ii) l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ma jistghux jigu invokati mir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet li ser isegwu:

Ir-rikorrenti jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-fatt li l-Avviz legali huwa fih innifsu diskriminatorju fil-konfront tal-vetturi tat-tip *open top double decker buses* ghaliex fuq dawn il-vetturi gew imposti oneri u rekwiziti bil-wisq aktar oneruzi milli dawk imposti fuq vetturi ohrajn. Jigi rilevat f’dan il-kaz li l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni japplika biss fil-konfront ta’ diskriminazzjoni bejn persuni abbazi ta’ certu kwalitajiet bhal ma huma r-razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess. L-Awtorita tirrispondi ghalhekk li l-Artikolu 45 ma jistax japplika ghal distinzjonijiet li l-ligi tohloq fir-rigward ta’ oggetti bhal ma huma l-*open top*

*double decker buses.* L-istess ragunament jghodd *mutatis mutandis* ghall-Artikolu 14 tal-konvenzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita tirrispondi illi l-varji disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali kkwotati mir-rikorrenti fir-rikors taghhom ma jiksru ebda wiehed mis-segwenti artikoli: (i) l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, (ii) l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (iii) l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u (iv) l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan, fil-qosor ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fil-paragrafi li ser imiss:

Limitatament fir-rigward ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jinghad illi r-rikorrenti ma gew spussessati jew ipprivati minn ebda propjeta jew possediment kif jehtiegu l-istess artikoli;

Fir-rigward ta' l-artikoli kollha nvokati mir-rikorrenti jinghad illi dawn ma gewx miksura mis-segwenti disposizzjonijiet ta' l-Avviz Legali:

Ir-regolament 26 u 39 ta' l-Avviz Legali:id-distinzjonijiet li l-Avviz Legali johloq fil-konfront ta' dawn ir-regolamenti huwa gustifikat stante illi l-legislatur jinsab prezentement ghaddej fi process ta' legislazzjoni ad hoc dwar il-*motor route buses.* In oltre, is-servizzi li jipprovdu l-vetturi tat-tip *motor route buses* u vetturi li jaghmlu operazzjonijiet tat-trasport b'kabotagg, huma ntrinsikament distinti mis-servizzi li jipprovdu *open top buses;*

Ir-regolament 28(3): id-distinzjonijiet *ossia* ezenzjonijiet li jinghataw lil vintage buses u mhux lil vetturi l-ohra kollha, inkluz open top buses, huma wkoll gustifikati stante illi vintage buses huma vetturi li ghandhom jigu kkunsidrati f'kategorija separata ghalihom minhabba fil-wirt kulturali taghhom.

Ir-regolament 69: f'dan ir-rigward ir-rikorrenti donnhom jippremettu zewg allegazzjoni kontradittorji.

L-ewwel nett jindikaw illi *'L-Avviz Legali jiddiskrimina fil-konfront ta' l-operaturi ta' buses mikxufin permezz tar-*

*Regolament 65 [sic] fejn, permezz tat-tieni subinciz, jippermetti l-uzu ta' vintage buses unikament ghal servizz fuq rotta ta' passiggieri turisti skond l-istess regolament, filwaqt li, permezz tat-tielet subinciz, arbitrarjament jeskludi mill-istess dritt dawk il-buses mikxufin li jkunu gew manifatturati aktar minn ghaxar (10) snin qabel ma dahlu fis-sehh dawn ir-*Regolamenti'. L-Awtorita' ma tistax tifhem din l-asserzjoni min-naha tar-rikorrenti. It-tielet subinciz ma jeskludix arbitrarjament id-dritt ta' l-open-top buses izda jipprovdi li operatur li ghandu xarabanks mikxufa registrati taht licenzja li biha jopera u li giet manifatturata aktar minn ghaxar snin qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali in kwistjoni, jista' juza tali bus mikxufa biss biex joffri servizz fuq ir-rotta ta' passiggieri turistici li tistabilixxi l-Awtorita' u jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet l-ohra imposti mill-Awtorita' skont ir-regolamenti. Il-vintage buses u l-open-top buses li huma registrati taht licenzja u li gew manifatturati aktar minn ghaxar snin qabel ma dahal fis-sehh l-Avviz Legali huma trattati bl-istess mod.

Fl-istess nifs, pero', ir-rikorrenti jzidu jghidu illi r-regolament 69 (3) jiddiskrimina bejn open-top buses manifatturati aktar minn 10 snin qabel id-dhul fis-sehh ta' l-Avviz Legali u li kienu ukoll diga' registrati mill-Awtorita' u dawk l-open-top buses li huma manifatturati anqas minn 10 snin minn meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' tirrispondi m'hemmx diskriminazzjoni bejn iz-zewg tipi ta' vetturi izda distinzjoni bejniethom. L-Awtorita' hija infurmata li d-distinzjoni hija wahda li giet maghmula a bazi ta' konsiderazzjonijiet ambjentali, fl-interess pubbliku u fl-interess generali. L-istess konsiderazzjonijiet ittiehdu fl-Avviz Legali meta gew introdotti d-dispozizzjonijiet li jehtiegu li sabiex vettura tkun eligibbli ghal passenger transport vehicle licence, din trid tkun manifatturata mhux aktar minn hames snin qabel ma dahal fis-sehh l-istess Avviz Legali. Ghaldaqstant, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni lanqas ma tregi fil-konfront ta' dawk il-vetturi proprjeta' tar-rikorrenti li ghadhom ma gewx registrati.

Regolament 116: anke f'dan ir-rigward, l-Awtorita' tinsab infurmata li d-distinzjoni li johloq l-Avviz Legali hija wahda

gustifikata u ghaldaqstant, anke fuq din il-premessa, it-talbiet attrici ma jregux. Ghal kull buon fini jigi rilevat illi dan ir-regolament huwa wiehed minn sensiela ta' dispozizzjonijiet transitorji fl-Avviz Legali.

Semghet ix-xhieda li tressqu mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz l-atti tal-proceduri fl-ismijiet "Spiteri et v. Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta" li ttiehdu quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u li gew minnha determinati fil-15 ta' Ottubru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi bhala fatti, fil-qosor, li waslu ghal dawn il-proceduri huma dawn. Is-socjeta' attrici riedet topera open top double decker buses fis-suq Malti, u dan kemm ghat-turisti kif ukoll ghall-uzu mir-residenti. Iddahhlu tlett buses ta' din ix-xorta, izda l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rrifjutat li tillicenzjahom peress li, skont hi, ma kinux konformi mal-ligi, allura vigenti. L-importatur tal-buses fetah proceduri kostituzzjonali fejn talab lill-awtoritajiet kompetenti johorgulu licenzja ghal dawn it-tlett buses. Il-kawza giet deciza kontra r-rikorrent b'decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2004. Sussegwentement, tressaq appell mid-decizjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ghal quddiem l-ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta, izda d-Direttur ta' dan l-ufficju cahad l-ilment. Ir-rikorrenti appellaw mid-decizjoni ghal quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust li b'decizjoni tal-15 ta' Ottubru 2008, sabet favur ir-rikorrenti li ordnat il-hrug ta' licenzja ghat-tlett buses importati. Fid-dawl ta' din id-decizjoni, l-awtorita' intimata harget licenzja ghal dawn it-tlett buses, pero', fl-istess hin qed tipprocedi quddiem il-qrati ordinarji fejn qed titlob stharrig gudizzjarju ("judicial review") ta' dik id-decizjoni; l-azzjoni, rikors numru 592/09, giet dikjarata preskritta b'decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti

Civili tat-12 ta' Mejju 2011. Minn din id-decizjoni gie intavolat appell li ghadu pendenti.

Ir-rikorrenti, fid-dawl ta' dan id-dewmien fil-hrug tal-licenzja, intavolaw proceduri gudizzjarji fejn talbu l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni (rikors 369/09), izda l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 2010, laqghet l-eccezzjoni ta' dekadenza sollevata u cahdet it-talbiet ta' l-atturi. Illum, minn din is-sentenza tressaq ukoll appell li ghadu pendenti.

Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u l-hrug tal-licenzja ghall-ewwel tlett buses li importaw ir-rikorrenti, l-istess rikorrenti, f'Novembru ta' l-2008, xtraw tmien vetturi ohra, li waslu Malta, erbgha f'Novembru ta' l-2008 u l-erbgha l-ohra f'Jannar ta' l-2009. L-awtorita' intimata bdiet il-processar tat-talba ghall-hrug ta' licenzja ghall-ewwel erba' buses, izda l-process twaqqaf wara ordni mill-Ministeru intimat peress li kienu se johorgu regolamenti godda li kellhom il-hsieb jirregolaw l-operazzjoni ta' open top buses fis-suq lokali. Fid-19 ta' Mejju 2009, inhareg Avviz Legali numru 149/2009 li jirregola dan is-suq, izda l-awtorita' baqghet ma hargitx licenzja ghal dawn it-tmien buses. Ir-rikorrenti intavolaw proceduri gudizzjarji fil-konfront ta' l-awtorita' kompetenti a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan minhabba n-nuqqas ta' l-awtorita' li tohrog licenzja ghal dawn it-8 vetturi; intalab ukoll hlas tad-danni. Din il-kawza, rikors numru 474/09 giet deciza fid-29 ta' Settembru 2011, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili; gie deciz li n-nuqqas ta' l-awtorita' li taghti twegiba ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-hrug ta' licenzja ghal tmien open-top double decker buses kien ifisser rifjut ta' dik it-talba, u li tali rifjut sar bi ksur ta' l-artikolu 469A (1) (b) (iii) u (iv) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u ordnat lill-awtorita' tipprocessa t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-hrug tal-licenzja mitluba. Minn din is-sentenza tressaq appell li gie deciz fit-28 ta' Gunju 2012, bil-Qorti ta' l-Appell tikkonferma s-sentenza in prim istanza.

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri, ir-rikorrenti thallew joperaw fis-suq lokali bl-ewwel tlett buses li ghalihom inharget licenzja wara d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, u vetturi ohra li ddahhlu wara l-hrug ta’ l-indikat Avviz Legali. Ir-rikorrenti jilmentaw, pero’, li tul iz-zmien kemm ilu f’dan is-suq, l-awtorita’ intimata kienet “taqbad mieghu”, fis-sens li kienet issus wara l-kumpanija u tesigi li din issegwi bi precizjoni ezatta t-termini tal-ligi, waqt li ghall-kaz ta’ kompetitur tieghu, Supreme Travel Ltd., l-awtorita’ m’hijiex qed tkun daqshekk esigenti. Ir-rikorrenti jghidu li kemm-il darba ghamlu rapporti fil-konfront ta’ illegalitajiet maghmula mill-vetturi tal-kompetitur tieghu (li ghamlu zmien isegwu biex jirrapurtaw mill-ewwel f’kaz li jaqbduhom fil-fatt fi ksur ta’ xi regolament), izda jilmentaw li l-awtorita’ ftit li xejn imxiet fuq ir-rapporti li kienu jsirulha. Ir-rikorrenti jakkuzaw lill-awtorita’ intimata bl-uzu ta’ “double standards” fit-trattament taz-zewg operaturi fis-suq.

Fid-dawl ta’ dan kollu, l-ilmenti tar-rikorrenti huma, tista’ tghid, tlieta: (i) qed jallegaw li r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 149/09 huma diskriminatorji fil-konfront taghhom u jledu d-dritt taghhom ta’ proprjeta’; (ii) qed jallegaw li l-uzu ta’ “double standards” mill-awtorita’ intimata fl-inforzar tar-regolamenti huwa ukoll diskriminatorju u jilledi d-drittijiet taghhom ta’ proprjeta’, u (iii) qed jallegaw l-istess fir-rigward ta’ l-agir ta’ l-awtorita’ intimata fil-kuntest tal-hrug tal-licenzja ghall-buses li huma impurtaw.

Din il-Qorti sejra titratta l-ewwel il-kontestazzjoni fir-rigward ta’ l-Avviz Legali 149/09. Qabel il-hrug ta’ dan l-Avviz Legali, ma kienx hawn ligi li tirregola specifikament open-top buses, u l-ewwel darba li dawn il-vetturi bdew joperaw f’Malta kien ghall-habta ta’ l-2006 meta l-Gvern hareg zewg “calls for tenders” ghall-operazzjoni ta’ dawn it-tip ta’ buses fuq zewg rotot, wahda fit-Tramuntana u l-ohra fin-Nofsinhar ta’ Malta. Is-socjeta’ rikorrenti, li gia’ kellha kwistjoni ma’ l-awtorita’ intimata dwar l-ewwel tlett buses li dahhlet Malta, ma tefghetx offerta’, u hadet il-kuntratt is-socjeta’ Supreme Travel Ltd. Dan l-operatur seta’ jopera l-vetturi tieghu skont l-ispecifications tat-

tender u kellu jirregistra l-vetturi biex jintuzaw ghal dan l-iskop biss. Din is-socjeta’ li rebhet il-kuntratt impurtat 12-il vettura biex tuzahom fuq iz-zewg rotot allokati lilha.

Fil-frattemp, fil-15 ta’ Awissu 2008, inghatat id-decizjoni mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-konfront tat-tlett buses li kienu gew impurtati mir-rikorrenti, u l-Gvern fi stqarrija datata 16 ta’ Ottubru 2008, ikkummenta fuq dik id-decizjoni, fis-sens li kien jaqbel mal-principju li fis-settur tat-trasport (inkluz taxis, minivans, coaches u buses normali) is-suq ikun liberalizzat, u li kienet il-politika tal-Gvern li jnehhi r-restrizzjonijiet li kienu jezistu fis-suq f’din l-attivita’ ekonomika.

Sa dakinhar, il-liberalizazzjoni tas-settur tat-trasport kienet kontroversjali. Il-Gvern, anke qabel id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, kien habbar il-hsieb tieghu f’dan is-sens, izda kien rinfaccjat bi protesti minn operaturi tat-trasport li kienu qed joperaw f’suq maghluq. Fiz-zmien tad-decizjoni, il-Gvern kien qed ihejji revizjoni tar-regolamentazzjoni li jkollha l-effett tal-liberalizazzjoni, u ha’ spunt mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust biex jimbotta aktar il-politika tieghu f’dan ir-rigward.

Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni, u aktar wara l-hrug ta’ din l-istqarrija, l-awtorita’ intimata irceviet diversi applikazzjonijiet minn persuni li xtaqu jidhlu u jibdew joperaw f’dan is-suq. Fosthom, saret l-applikazzjoni mir-rikorrenti biex jirregistraw it-tmien buses li kienu xtraw mill-Ingilterra. L-awtorita’ kienet qed tipprocessa dawn l-applikazzjonijiet, pero’, fl-4 ta’ Dicembru 2008, il-Ministeru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura taw istruzzjonijiet lill-awtorita’ biex iwaqqfu l-process sa ma l-Gvern ilesti r-regolamentazzjoni tas-suq. Eventwalment, inhareg u gie ppubblikat l-Avviz Legali 149/09.

Ir-rikorrenti jallegaw li r-regolamenti ta’ dan l-Avviz Legali jolqtuhom hazin u inhargu kif inhargu bi pregudizzju ghad-drittijiet taghhom. Din il-Qorti, wara li qrat ir-Regolamenti in kwistjoni u semghet l-ispjegazzjoni cara li ta Emanuel Delia, ufficjal fil-Ministeru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, fuq l-iskop tal-ligi u

ghaliex certi regolamenti saru kif saru, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti fir-rigward. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jilmentaw li certi kundizzjonijiet jiffavurixxu l-vetturi li dahhal Malta l-kompetitur taghhom. Is-Sur Delia jammetti li fit-tfassil tar-regolamenti, hadu qies tal-vetturi ta' Supreme Travel Ltd., u dana peress li dan kien "incumbent" fis-suq u kien dahhal il-vetturi biex jaqdi lill-Gvern wara is-sejha ghall-offerti li harget fl-2006. Ghalkemm din is-socjeta' dahlet f'tilwima mal-Gvern fit-twettiq tal-kuntratt, il-Ministeru rraguna illi la darba dik is-socjeta' dahhlet f'Malta 12-il vettura, skont kif stipula l-istess Gvern, ma kienx ikun gust li dawn l-istess vetturi jigu mwarrba mis-suq bis-sahha tar-regolamenti l-godda. Il-Ministeru qies li s-socjeta' Supreme Travel Ltd. kellha aspettattiva li tkompli topera fis-suq bil-vetturi li dahhlet biex twettaq il-policy tal-Gvern li topera zewg rotot turistici f'Malta, u ma setghetx tinjora l-fatt li dawk il-buses dahlu kif dahlu f'Malta bis-sahha tal-kuntratt mal-Gvern. Ghalhekk, fir-regolamentazzjoni tas-suq tas-sight seeing, il-buses li kienet dahhlet Supreme Travel Ltd. ghal dak l-iskop kellhom jigu "protetti", waqt li fil-kaz ta' buses intenzjonati ghal suq iehor (bil-pre-booking ghall-uzu partikolari), dan kien suq gdid, u allura, ir-regoli setghu ikunu aktar restrittivi.

Taqbel jew ma taqbilx ma' dan ir-ragunament, din il-Qorti ma tarax li d-decizjoni hija rragjonevoli jew barra minn lokha. Din il-Qorti m'hijiex kostitwita biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorita' amministrattiva kompetenti, izda li tara li d-decizjonijiet li jittiehdu ma jkunux immirati li jolqtu pregudizzju mhux misthoqq lil haddiehor. Kull decizjoni amministrattiva tista', ftit jew wisq, tolqot l-interessi ta' terzi, li jistghu ukoll jintlaqtu hazin b'tali decizjoni. Dan ma jfissirx, pero', li allura jkunu gew lezi d-drittijiet fundamentali ta' dawk it-terzi. Jekk decizjoni amministrattiva hi f'waqtha u decizjoni li ragjonevolment tista' tittiehed, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tad-drittijiet ta' dawk milquta hazin b'dik id-decizjoni. F'dan il-kaz, id-decizjoni li ttiehdet li tigi rispettata l-aspettattiva ta' Supreme Travel Ltd. li tibqa' topera fis-suq bil-buses li dahhlet biex tesegwixxi kuntratt li kellha mal-Gvern, u bil-korrispettiv li din is-socjeta'

tirrinunzja ghall-esklussivita' li nghatalha bil-kuntratt hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, decizjoni li setghet ragjonevolment u korrettement tittiehed, u ma tarax allura li saret xi preferenza mhux f'waqtha ma' dik is-socjeta'.

Fil-kuntest ta' diversi regolamenti ohra li jiffurmaw parti mill-Avviz Legali in kwistjoni, l-ufficjal Emanuel Delia, kif diga' accennat il-Qorti, wera bic-car x'wassal ghall-mod kif certi regolamenti inkitbu kif inkitbu. Hekk gie spjegat ghaliex l-open-top buses gew eskluzi mir-regolamenti li jinsabu f'Parti 5 ta' dan l-Avviz Legali. Din il-parti hi intiza biex tirregola buses li joperaw fuq il-linja, is-scheduled buses, bil-possibilita', pero', li l-Gvern jimponi termini aktar oneruzi meta johrog kuntratt ghall-operazzjoni ta' dan is-servizz, kif fil-fatt, jinghad li ghamel il-Gvern ma' l-operatur il-gdid tal-motor route buses li beda jopera f'Malta f'Lulju ta' l-2011. Peress li l-hsieb mill-bidu nett kien li dan is-settur partikolari jigi regolat aktar b'kuntratt milli bir-regolamenti, ma nhassx il-htiega li din il-parti ta' l-Avviz Legali titqies applikabbli ghal setturi ohra tat-trasport.

Ghar-rigward tar-regolamenti li jiddiskriminaw favur vintage buses, is-Sur Delia ta din l-ispjegazzjoni:

"*Li ridna ghal ragunijiet ta' promozzjoni tat-turizmu u tal-wirt industriali ta' Malta, huwa li vetturi li ghandhom wirt partikolari (heritage Malti), dawn inbnew Malta, ghandhom disinn unikament Malti u ahna xtaqna u huma partikolarment popolari mat-turisti u xtaqna li flok jigu aboliti totalment, nippermettuhom illi limitatament ghal servizzi ta' sight-seeing, u li allura tipikament ikunu jinteressaw lit-turisti, jithallew joperaw. Il-possibilita' li naghmlu hekk hija ukoll illi r-rekwizit li ghamilna li johrog mid-definizzjoni ta' x'inhi vintage bus, jillimita din l-attivita' ghal 3 vetturi, li nafu bihom. Wahda, fil-fatt tahdem, ghadek taraha llum fuq ir-rotta, it-2 l-ohra, sa fejn naf jien qed jigu restawrati biex jibdew jibbenifikaw minn din il-possibilita'. Li kieku ahna dawn, ghax konna nixtiequ li jibqghu joperaw wara l-incident li semmejt, konna ukoll naghmluhom suggetti ghal dawn is-subincizi li qed isemmu u issa nirreferi ghalihom, kieku ma kienx ikun prattikament possibli ghalihom li joperaw. Per ezempju, 28*

*1F li rreferejt ghaliha, tirrikjedi li jkunu equipped kompletament bl-air conditioning. Dan, fizikament mhux possibli, u anke li kieku kellu jsir, kien ihassar mill-effett taghhom ta' dawn il-buses bhala a vintage product. Tghidli illi jridu jissodisfaw l-ispecifikazzjonijiet u l-constructional requirements tal-motor vehicle, weights dimensions and equipment regulations. Li kieku kellna naghmlu dan ir-rekwizit, kieku fizikament kienu jkunu eskluzi li joperaw dan is-servizz u r-raguni hija semplici – dawn inbnew fis-snin 40, snin 50, u similment anke qabel u dak iz-zmien ma kienx hemm din it-tip ta' sensittivita' ghar-rekwiziti li hemm illum u l-iktar wahda importanti li tirreferi ghaliha, 2b, illi tghid illi l-vettura has been manufactured not more than 5 years before the date of first application for a passenger transport vehicle licence in Malta. Dawn saru fi zmien nannuhi u ghalhekk huma vintage buses. Jekk ir-rekwizit ikun impost fuqhom tal-eta' massima li fiha saru, ma jibqghux vintage buses, igifieri hija rizultat tal-intenzjoni li nippermettuhom naghmlu eccezzjoni ghalihom dawn it-3 vetturi li jibqghu joperaw illi taghmel dawn ir-rekwiziti.*"

Gie spjegat ukoll l-effett tar-regolament 69 li jidher li l-aktar li ghamlu enfasi fuqu r-rikorrenti. Kif diga' inghad, meta dan ir-regolament gie promulgat, ittiehdet konsiderazzjoni ta' l-ispecifications tal-buses li kienet impurtat Supreme Travel Ltd., pero', sar issa possibbli li kull min idahhal vettura li tissodisfa dawk l-ispecifications, seta' jopera fis-suq. Intwera ukoll ghaliex kien hemm varjazzjoni fiz-zmien tal-vetturi li setghu joperaw fis-suq, u ghaliex ukoll saru klawzoli transitorji biex kemm jista' jkun min kien diga' jopera fis-suq ma jbatix wisq. In linea generali, din il-Qorti tara li politika ta' regolamenti li tiddistingwi bejn settur gdid u settur li kien diga' jezisti "on the ground", hi wahda li tista' tigi argumentata b'success. Li tkun aktar strett u rigidu f'regolamentazzjoni ta' suq gdid mhux irragjonevoli. L-importanti hu li r-regolamenti gew japplikaw ghal kulhadd u, f'dan il-kaz, ma jidhirx li saru biex jeskludu lir-rikorrenti milli jopera fis-suq lokali. Is-suq ta' l-open-top buses kien wiehed relattivament gdid, u filwaqt li ghal coaches normali, ir-regolamenti qiesu r-realta' "on the ground" (frazi li uza s-Sur Delia), mhux l-

istess ghall-open-top buses li jahdmu bil-pre-booking, li gew, ghalhekk, b'mod generali, regolati b'aktar rigidita'. Il-fatt li l-vetturi li kellha Supreme Travel Ltd. gew, f'certu sens, "protetti" u, kif gie spjegat, gustifikat fid-dawl ta' kif sehhew l-affarijiet, u r-rikorrenti ma gewx ippregudikati ghax is-suq infetah ghalihom kif infetah ghal kulhadd. Li ghamel il-Gvern kien li ttrasferixxa r-rekwiziti li kien hemm fit-tender ghal kulhadd, bil-mezz legali li qabel kien regolat bil-kuntratt. Ta' min ifakkar li r-rikorrenti ma kinux tefghu offerta' ghas-sejha li ghamel il-Gvern fl-2006, u kwindi, difficli jilmentaw dwar l-ispecifications imposti dakinhar u li wara gew inkorporati fl-Avviz Legali 149/09. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Gvern li s-sospensjoni tal-kuntratt li kellha Supreme Travel Ltd. f'Marzu ta' l-2009, u dan minhabba allegat ksur tal-kuntratt da parti ta' l-istess socjeta' (decizjoni li qed tigi kontestata), ma jfissirx li l-Gvern seta' jinjora li, bhala fatt, dik is-socjeta' dahlet 12-il vettura f'Malta skont specifications li kienu stabbiliti mill-Gvern fis-sejha ghall-offerti.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li l-Avviz Legali 149/09 johloq xi pregudizzju specjali ghad-drittijiet tar-rikorrenti, lanqas li inhargu bi hsieb li tinghata preferenza ingustifikata lil xi terz. Inhargu bis-sahha tal-poter legislattiv u amministrattiv inerenti f'kull Gvern, ghandhom applikazzjoni generali, u r-regolamentazzjoni tas-suq tat-trasport huwa zgur process ghaqli u fl-interess tas-socjeta' in generali. Huwa process mehtieg, jekk mhux essenzjali, f'pajjiz demokratiku, u darba li ma intweriex li l-process kollu kien intenzjonat biex jikkastiga jew jippreferi lil xi hadd b'mod mhux gustifikat, ma jistax jitqies li sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuni milquta. Hadd ma jista' jghid li ghandu xi 'legitimate expectation' li l-vetturi li jrid igib, ikunu licenzjati, ghax hu dmir tal-Gvern li jirregola t-trasport fis-socjeta'. Il-kontroll fuq l-uzu tal-proprjeta' hija, fil-fatt, konsentita fit-tieni paragrafu ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea invokat mir-rikorrenti, basta dan ikollu skop legittimu u johloq bilanc bejn id-drittijiet tac-cittadin, l-interessi tas-socjeta' in generali, u ma jimponix "a disproportionate and excessive burden" fuq l-individwu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-process legislattiv li wassal ghall-hrug ta' l-Avviz Legali in kwistjoni

(bil-hrug ta’ White Paper u perjodu ghall-konsultazzjoni), u l-Avviz Legali innifsu wassal ghal dan il-bilanc fl-interess tas-socjeta’ in generali. Meqjusa l-ispjegazzjonijiet li nghataw, il-provvedimenti tal-ligi la jistghu jitqiesu diskriminatorji bi hsara ghar-rikorrenti, u lanqas li gie miftuh “an excessive and disproportionate burden” fuq l-istess rikorrenti, issa li kulhadd tqieghed f’sitwazzjoni simili. Dan l-ilment partikolari qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Ghar-rigward tat-tieni ilment, dak marbut ma’ l-allegat ‘double standards’ li operat l-awtorita’ intimata in relazzjoni maz-zewg operaturi ta’ open-top buses, din il-Qorti ma ssibx li din l-allegazzjoni giet ippruvata. Il-Qorti kellha okkazjoni tisma’ lid-Direttur Manigerjali ta’ l-awtorita’, u tara li ghandha taghti affidament lix-xhieda tieghu. Hu wera li dejjem ittratta l-istess maz-zewg operaturi, u, kull meta sab li kien hemm ksur ta’ xi ligi, ipproceda kif kien id-dover tieghu, kemm kontra wiehed kif ukoll kontra l-iehor. Spjega li z-zewg operaturi kienu jaghmlu hafna rapporti kontra xulxin, tant li hass li kellu jghid li l-ufficju tieghu gieli kien ikun “overwhelmed” bir-rapporti. Huma kienu jittrattawhom l-istess, ghalkemm mhux dejjem setghu jinvestigaw kull rapport li jidhol ghax dawn kienu jkunu ferm numeruzi, pero’, it-trattament kien ikun l-istess ghaz-zewg operaturi. Giet esebita lista tac-citazzjonijiet li gew ipprezentati kontra z-zewg operaturi, u ma jidhirx li l-awtorita’ qed taddotta xi forma ta’ “double standards”. Anzi jidher li ttiehdu aktar passi kontra tas-Supreme Travel Ltd. milli kontra s-socjeta’ rikorrenti, u dan jigri peress li ta’ l-ewwel ghandha aktar vetturi fit-triq mis-socjeta’ rikorrenti. L-awtorita’, hu car, ma tistax toqghod erbgha u ghoxrin siegha kuljum ma’ dawn iz-zewg operaturi; l-importanti hu li ma timmanifestax preferenza ma’ wiehed, u mill-provi dan ma jirrizultax.

Il-kontroll u l-monitoragg kien qed isir bl-istess mod fil-konfront taz-zewg operaturi, izda filwaqt li operatur wiehed ma kienx jinkedd li ufficjali ta’ l-awtorita’ kienu jsegwu l-buses tieghu – biex jaraw li ma tinkisirx il-ligi – l-operatur l-iehor, is-socjeta’ rikorrenti, kien jiddejjaq b’din is-sorveljanza. Ma jirrizultax, pero’, la trattament differenti u

lanqas li, b’dan il-mod, ir-rikorrent gie mfixkel fil-godiment tal-proprjeta’ tieghu.

Hafna incidenti partikolari li gew senjalati mir-rikorrenti gew spjegati u/jew ittiehdu passi kontra l-operatur involut. Hekk, per ezempju, dwar l-uzu tal-buses mis-supporters taz-Zejtun Corinthians Football Club biex jiccelebraw ir-rebh tal-kampjonat u dwar l-uzu ta’ l-istess buses minn membru parlamentari wara rebha f’elezzjoni generali, attivitajiet li t-tnejn mhux permessibbli bil-ligi, meta saru rapporti l-awtorita’ investigat u qed tiehu l-passi legali kontra l-kompetitur tar-rikorrenti minhabba attivita’ allegatament bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja. Is-socjeta’ rikorrenti ghamlet allegazzjoni li d-ditta kompetitrici taghha qed tuza numru ta’ vettura partikolari fuq vettura ohra differenti, din ukoll giet investigata u l-kaz qed jigi processat. L-incident hdejn il-kumpless ta’ Montekristo gie spjegat: haddiem tas-socjeta’ rikorrenti allega li bus tas-Supreme Travel Ltd. thalla jghabbi nies mhux minn fuq l-istage. Dan, pero’, irrizulta li ma kienx minnu, u kienet biss deduzzjoni zbaljata tal-haddiem tas-socjeta’ rikorrenti li wassal ghad-dizgwid. L-incidenti li sehhew hdejn is-Santana Hotel u hdejn l-ufficini tal-VISET fil-Waterfront li ukoll gew esposti mis-socjeta’ rikorrenti bhala ezempji ta’ “double standards”, gew ukoll spjegati. F’kull kaz, ma jirrizultax li l-operatur l-iehor thalla jagixxi kif irid, u l-kazijiet kienu jigu investigati. Mhux dejjem, wara rapport mir-rikorrenti, kien jirrizulta xi ksur, jew xi vjolazzjoni hekk gravi li kienet tinnecessita’ citazzjoni, izda ma kienx minnu li d-ditta Supreme Travel Ltd. kellha hajja facli. Sfortunatament, dawn iz-zewg operaturi kienu mqabbda ma’ xulxin, u ghax, forsi, is-suq mhux tant li jippermetti numru hekk kbir ta’ open-top buses jahdmu fl-istess hin, wiehed jipprova jirkeb fuq kull nuqqas, zghir kemm hu zghir, tal-parti l-ohra, bis-sitwazzjoni, xi kultant, tiggenera f’tghajjir u tfixkil reciproku. Ma jirrizultax, pero’, li l-awtorita’ mxiet hazin.

Kien hemm epoka meta l-awtorita’ kienet qed timmoniterja l-uzu tar-rotot miz-zewg operaturi, imma ma kinux johorgu citazzjonijiet meta kien jirrizulta ksur, u dan peress li l-awtorita’ hasset li, wara l-hrug ta’ l-Avviz Legali 149/09,

kien hemm bzonn aktar ta' monitorjagg milli ta' inforzar. Ir-rikorrenti kienu, f'din l-epoka, jirraportaw nuqqasijiet mill-vetturi tal-kompetitur, li taghhom, l-awtorita' kienet tiehu nota izda ma tohrogx citazzjonijiet. Din il-politika, pero', kienet applikabbli ghaz-zewg operaturi, u l-istess kienet tagixxi l-awtorita' meta kienet tirciev i rapporti ta' nuqqasijiet mill-vetturi tar-rikorrenti. L-awtorita' iddecidiet li taghmel zmien ta' studju ta' kif kienu qed jahdmu l-operaturi, u dan l-agir la kien diskriminatorju u lanqas ta' tfixkil ghall-godiment tan-negozju tar-rikorrent.

Dan it-tieni ilment sejjer ghalhekk, jigi michud peress li ma giex ippruvat.

Dwar it-tielet ilment, marbut mal-kondotta ta' l-intimati in relazzjoni mat-talba tar-rikorrenti li joperaw open-top buses fis-suq Malti, din il-Qorti tara li s-sitwazzjoni hi ftit differenti, u tara li kien hemm nuqqasijiet da parti ta' l-intimat Ministru li waslu li r-rikorrenti li jsofru tfixkil mhux gustifikat fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom.

Ir-rikorrenti ilhom zmien twil jipprovaw joperaw open-top buses fis-suq ta' Malta, pero', peress li l-Gvern ma kellux policy fir-rigward u, anzi, kienet topera politika ta' suq maghluq fil-konfront tal-buses, is-sitwazzjoni baqghet imdendla ghal diversi snin. Fl-1997, l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku kitbet lir-rikorrenti li "it is the intention of the Public Transport Authority that licences will be granted for operation of open-top buses", izda dan is-suq baqa' mhux regolat. Ir-rikorrenti gabu tlett buses li riedu jibdew juzaw u ma' l-applikazzjoni taghhom ressqu anke rapport minn inginier li kien jiccertifika l-istandards tajbin ta' dawn il-buses. Dawn il-vetturi kienu 3.7 metri gholja (jew ftit aktar, izda zgur anqas minn 4 metri), u kienu, ghalhekk, entro l-limiti ta' l-Istandards Ewropej ghal dawk it-tip ta' vetturi (li kienu jippermettu buses sa gholi ta' 4 metri skont Direttiva 96/53 KE). Ghalkemm, f'dak iz-zmien, kienet qed tithalla topera f'Malta double decker bus ta' ghamla Germaniza li kellha gholi ta' 4.4 metri, l-awtorita' ma riditx tohrog licenzja ghat-tlett vetturi tar-rikorrenti, avolja kellhom gholi ta' anqas minn 4 metri. Ir-raguni li gabet l-awtorita' kien illi jekk persuna, fil-livell tat-tieni sular ta'

bus, iqum bil-wieqfa waqt is-sewqan, kien jinqabez il-limitu ta’ 4 metri u seta’ jkun hemm periklu. Din il-Qorti tara li din ir-raguni m’hijiex hlief skuza banali. Il-limitu ta’ 4 metri stabbilit fid-Direttiva ta’ l-Unjoni Ewropea, u addottata mill-awtorita’ (ghax dak iz-zmien ma kellhiex policy fuq hiex timxi), kienet tkopri l-gholi tal-vettura u mhux tal-vettura b’persuna bil-wieqfa fuqha. Ir-raguni ta’ periklu ma tidhirx li giet gustifikata b’xi studju. Hu veru li jekk persuna tqum bil-wieqfa waqt li l-bus tkun miexja, dan ikun qed jesponi ruhu ghall-periklu, pero’, dan hu hekk tkun kemm tkun gholja l-vettura. Dwar il-periklu minn xi overhanging branches ta’ sigar jew sinjali tat-traffiku, ma jidhirx li sar xi studju dwar dan, u l-awtorita’ harget b’risposta negattiva ghall-applikazzjoni tar-rikorrenti, minghajr ma biss ikkunsidrat l-uzu tal-vetturi f’toroq mhux problematici. L-awtorita’ warrbet l-applikazzjoni fuq suppozizzjonijiet u opinjonijiet mhux bazati fuq studju u minghajr ma qieset possibilita’ ta’ uzu cirkoskritt b’rotot.

Fil-frattemp, il-Gvern hareg sejha ghall-offerti ghall-operazzjoni ta’ open-top buses madwar zewg rotot turistici fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta’ Malta. Fis-sejha, ma baqghetx obbligatorja li l-vetturi kellhom ikollhom gholi ta’ anqas minn 4 metri, ghalkemm inghad li preferenza kienet se tinghata lill-operaturi prospettivi li jressqu vetturi ta’ anqas minn dak l-gholi. Ghal dan it-tender applikat biss is-Supreme Travel Ltd., li, inghatat il-kuntratt. Il-buses li dahhlet din il-kumpanija kienu bhal tar-rikorrenti, b’gholi ta’ madwar 3.7 metri, pero’, thallew joperaw. Intqal li ghall-hrug ta’ dan it-tender, sar studju tar-rotot li kellhom jintuzaw biex jigi evitat periklu, pero’, ma ntwerhiex ghaliex dan l-istudju, jekk verament sar, ma sarx qabel meta giet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u lanqas ma giet ipprezentata kopja ta’ dan l-istudju biex din il-Qorti tkun tista’ tezamina l-implikazzjonijiet tieghu. L-uniku studju li gie esebit hu dak li sar fl-2011, li ma jkoprix it-toroq kollha li jistghu juzaw l-open-top buses, imma biss dawk l-aktar frekwentati mit-turisti.

Ir-rikorrenti riedu, allura, jithallew juzaw il-buses taghhom, pero’, l-awtorita’ ma riditx minhabba l-kuntratt <u>esklussiv</u> li nghata lid-ditta Supreme Travel Ltd. Meta tqis li l-vetturi

taz-zewg operaturi kienu l-istess, ma kienx hemm raguni ghala dawk tar-rikorrenti gew mizmuma. Veru li r-rikorrenti ma ghamlux offerta’ ghall-kuntratt tal-Gvern, pero’, l-ghoti ta’ dak il-kuntratt ma kellux iwaqqaf l-operat tar-rikorrenti. Fil-fatt, meta r-rikorrenti ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, dan sab favur ir-rikorrenti u li l-awtorita’ ma kinitx gustifikata li zzomm lir-rikorrenti milli joperaw f’Malta. Din id-decizjoni, hu veru, hija soggetta ghal stharrig gudizzjarju mill-qrati, pero’, f’kull kaz, il-Gvern ha spunt minn dik id-decizjoni biex jiggustifika l-politika tieghu favur il-liberalizazzjoni tas-suq ta’ trasport, u l-istess decizjoni giet attwata mill-awtorita’ li harget licenzja ghal dawk it-tlett vetturi.

Wara dan, ir-rikorrent gab 8 buses ohra li talab li jigu licenzjati. Dawn il-vetturi kienu l-istess bhat-tlieta, li ghalihom, l-awtorita’ harget licenzja wara s-sentenza tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, izda licenzja ghal dawn it-8 vetturi baqghet ma nhargitx. Ir-rikorrenti importaw 4 minn dawn it-8 vetturi f’Novembru ta’ l-2008, u spezzjoni taghhom kellha tinzamm mill-awtorita’ fl-4 ta’ Dicembru 2008. Din l-ispezzjoni giet, pero’, posposta dakinhar stess fuq direttiva tal-Gvern li ordna li jieqfu l-ispezzjonijiet u l-processar ta’ l-applikazzjonijiet sakemm johorgu Regolamenti godda. Li gara kien li wara s-sentenza tal-Kummissjoni, l-awtorita’ irceviet mas-46 applikazzjoni minn operaturi li riedu jidhlu fis-suq. Il-Gvern inhasad, u waqqaf il-processar ta’ l-applikazzjoni sa ma jirregolarizza s-suq. Ir-regolament, eventwalment, hargu f’Mejju ta’ l-2009 (Avviz Legali 149/09). It-8 vetturi li kienu importaw ir-rikorrenti (it-tieni lot ta’ 4 ddahhlu f’Malta f’Jannar 2009) ma kinux, pero’, jaqghu li jkunu konformi ma’ dawn ir-Regolamenti l-godda.

Kif intwera aktar qabel, ir-rikorrenti fethu proceduri civili (rikors numru 474/09) fejn qed jikkontestaw dan ir-rifjut. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat ragun lir-rikorrenti u ordnat li l-applikazzjoni taghhom tigi kkunsidrata fuq bazi tas-sitwazzjoni li kienet tezisti meta saret l-applikazzjoni, jigifieri qabel il-hrug ta’ l-Avviz Legali 149/09 u dan a bazi tal-“precedent” bid-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc

Gust. Din is-sentenza issa saret res judicata, b'sentenza li tat il-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 2012.

Skont ma xehed id-Direttur Manigerjali ta' l-awtorita', is-Sur Vincent Micallef Pule', it-tlett buses, li ghalihom harget licenzja wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, huma simili u ta' l-istess annata bhat-8 li gew importati wara. L-ewwel tlett buses ghadhom qed joperaw fis-suq, u skont l-istess xhud, huma ukoll konformi mal-htigijiet ta' l-Avviz Legali 149/09. Ma hemm ebda raguni, allura, ghala dawn it-8 buses ma ghandhomx ukoll jigu licenzjati.

Ir-raguni li l-Gvern sab ruhu skopert billi saru hafna applikazzjonijiet meta ghad ma kellux regolametazzjoni ta' dak is-suq, gabha b'idejh. Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u l-istqarrija tal-Gvern favur is-suq hieles, kulhadd haseb li seta' jirregistra open-top buses biex joperaw fis-suq ta' Malta u dahlu hafna applikazzjonijiet, li dahal fil-Gvern stat ta' paniku. Dan, pero', kien tort tieghu ghax halla s-sitwazzjoni tkaxkar ghal diversi snin minghajr ma ha passi regolatrici. Zgur li wara d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-Gvern kellu jkun jaf li s-suq kellu jigi liberalizzat, u jekk "beza'" minn dawk li kienu qed joperaw f'suq maghluq, ma ghandhomx ibatu r-rikorrenti li kellhom kull dritt joperaw huma ukoll fis-suq Malti. Id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust ma kreat ebda principju gdid, izda qalet biss li l-Gvern kien qed jagixxi hazin, u ilu hekk jagixxi. In-nuqqas ta' regolamenti kien tort tal-Gvern, u ma jistax, minhabba n-nuqqas tieghu, isostni li kellu jwaqqaf l-operazzjoni ghax dahlu hafna applikazzjonijiet f'daqqa. Il-Gvern kien jaf li bid-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-politika ta' suq maghluq fit-trasport ma kinitx aktar sostenibbli, izda flok ma agixxa biex jirregola s-suq liberu, qaghad jistenna d-decizjoni tal-Kummissjoni, li hu fahhar ghax konformi mal-politika tieghu, u li tat lok ghal diversi applikazzjonijiet.

Il-politika ta' suq maghluq kienet wahda li dahlet maz-zmien, hadd ma jaf kif, u m'hijiex gustifikata f'pajjiz liberu u demokratiku bhal Malta (ara bhala rifless fuq din il-kawza "<u>Axiaq vs. L-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku</u>",

deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta’ Gunju 2006). Il-Gvern kellu jkun proattiv u jahseb biex, mill-aktar fis possibli, jirregolarizza suq hieles, u ma kellux jistenna biex jirreagixxi ghal decizjoni ta’ xi organu legali biex isostni l-ezistenza ta’ suq hieles. Il-Gvern ma kellux jasal fi stat li jkun reinfaccat b’sitwazzjoni ta’ krizi, u kellu jahseb ghar-regolamenti sa mill-1997 (meta stqarr li hu favur il-hrug ta’ licenzji ghall-open-top buses) u mhux jillegisla madwar 12-il sena wara!

Ir-rikorrenti ghandu dritt jopera fis-suq hieles, u wara li kien gustifikat bid-decizjoni tal-Kummissjoni ta’ Ottubru 2008 (decizjoni li giet attwata mill-awtorita’), ma kellux isib ostakoli ghat-talba tieghu li jdahhal 8 vetturi simili ohra. Anke jekk, mil-lat amministrattiv, id-decizjoni ta’ l-awtorita’ tigi meqjusa rite et recte, din m’hijiex wahda gustifikabbli f’pajjiz demokratiku. L-inattivita’ tal-Gvern li jirregolarizza dan is-suq ghal tul ta’ snin, jammonta ghall-interferenza mhux f’waqtha fit-tgawdija mir-rikorrenti tal-possedimenti tieghu, u dan minhabba l-incertezza li l-Gvern ippermetta li tibqa’ tissustixxi ghal zmien twil fis-suq lokali. Ghal dan irid iwiegeb il-Gvern, u mhux l-awtorita’, billi jhallas kumpens gust u xieraq.

Ghar-rigward tal-quantum tal-kumpens, jirrizulta li r-rikorrenti gia’ fittex gudizzjarjament ghad-danni civili, u dawn it-talbiet huma l-meritu ta’ zewg kawzi (rikorsi numri 369/09 u 474/09) li ghadhom pendenti quddiem il-qrati ordinarji. Il-fatt li r-rikorrenti jistghu ma jkunux intitolati ghad-danni civili mill-qrati ordinarji, ma jfissirx li dawn jistghu jintalbu mill-qorti b’gurisdizzjoni straordinarja kif inhi din. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz “Mifsud v. Bonello et”, deciza fit-18 ta’ Settembru 2009,

“*50. Min-naha l-ohra, ghalkemm mhux eskluz, kif fuq inghad li wiehed jitlob danni civili u morali minn din il-Qorti, ma jistax jaghmel dan, cioe`, jitlob danni civili mill-Qorti Kostituzzjonali, meta dawn l-istess danni jkunu intalbu f’kawza civili; u ma jistax jiehu danni civili fil-kostituzzjonal, jekk ma jkunx intitolat ghalihom civilment. Fil-fatt ir-rikorrent, apparti dawn il-proceduri, ressaq kawza quddiem il-Qorti ordinarja (citazzjoni numru 405/87) kontra*

*uhud mill-istess intimati odjerni fejn talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni li garrab minhabba l-mod kif gie trattat waqt l-arrest tieghu. Din il-kawza giet deciza kontra r-rikorrent, b'decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2008. Dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li qieset li t-talba tieghu ghad-danni civili kienet tinsab preskritta a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-attur appella minn dik is-sentenza, u l-appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, jibqa' l-kaz li ghad-danni civili hemm proceduri pendenti u dawn id-danni ma jistghux jinghataw f'din il-kawza.*

*51. Jekk persuna titlob danni civili, dawn trid tkun intitolata ghalihom fil-kuntest tal-ligi civili, u jekk taht dak ir-regim, dik il-persuna tkun tilfet dak id-dritt (anke ghaliex halliet iz-zmien preskritt ghall-azzjoni jidekorri inutilment), ma tistax tirrikjama dawk id-danni minn din il-Qorti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et****, deciza fil-25 ta' Gunju 1999:*

*"M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel."*

*(ara ukoll il-kawza* ***Buttigieg v. HSBC Bank Malta Plc****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ottubru 2006).*"

Il-kwistjoni ta' danni civili, f'dan il-kaz, trid tithalla li tigi determinata mill-qrati ordinarji, bil-kumpens li jinghata f'dawn il-proceduri jkun ghall-oltragg li garrbu r-rikorrenti bl-atteggjament tal-Gvern. Dan hu kumpens li jrid jigi iffissat arbitrio boni viri mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti jidhrilha li tenut kont ta' l-istat ta' ansjeta' u incertezza li r-rikorrenti thallew joperaw fiha ghal snin twal, u d-diffikultajiet u skuzi li nholqu ghal xejn, hu gust li r-rikorrenti jinghataw kumpens ta' €50,000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta, tichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti anke fil-konfront tal-Ministeru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u Prim Ministru, tillibera ukoll lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu mhux il-legittimu kontradittur, pero’, tilqa’ in parte l-ewwel talba tar-rikorrenti fil-konfront biss tal-Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, u bhala rimedju tordna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti, is-somma ta’ €50,000 bhala “just satisfaction” ghall-oltragg subit mir-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu hekk: dawk ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta mir-rikorrenti in solidum, u dawk tar-rikorrenti u tal-Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u l-Prim Ministru, jithallsu terz (1/3) mir-rikorrenti in solidum u zewg terzi (2/3) mill-intimat Ministru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------